# KLIEM MALTI MXERRED

Taħt dan l-isem bi ħsiebi nġamma' xi kliem Malti li jiena sejjaħt "imxerred" għax għalkemm għadu jimxi sewwa f'xi naħħiet, mhux imniżżel la fid-dizjunarju ta' Caruana, la f'ta' Falzon u l-anqas f'ta' Vassalli.

Dan mhux le xi kliem li miet għax intilef mal-milja tas-snin iżda kliem li f'xi nħawi jaqdi ħafna it-tifsira tal-ħsieb u l-għamla tat-taħdit.

Kif wieħed jara malajr mhux il-kliem kollu miġbur minni hu ta' nisel semi imma mħabba li l-ħoss wit-tifsila li ha huma maltin u maltin biss aħna ma nistgħux ma nilqgħuhomx fil-kitba tagħna. Li jkollna kliem barrani jfisser li aħna kellna x'naqsmu ma' artijiet oħra bħall-ġnus inċiviliti kollha, xejn iżjed. L-ilsna biex igħixu għandhom bżonn xulxin, jikbru minn fuq xulxin sewwa sew bħal pajiżi bil-kummerċ ta' bejniethom.

Bosta minn dan il-kliem smajtu l-Birgu.

*Ċieqa:* nitfa, xi ħaġa żgħira ħafna, ta' bla siwi. "Karmnu ħalla kollox lil oħtu u lil ħuh ma ħallielux *ċieqa*" Ara ma tħallix lil Toni jieħu xi ċieqa minn ħwejġek.

*Żiglant:* fjur taż-żiglant hu dak li aħna nsejħu wkoll "lellux".

*Qorċma,* Qorċmata. Ruxxmata, għadd kbir ta' nies, ħwejjeġ. "Saver, għandu qorċmata tfal x'jitma' w ilibbes".

*Tqerred:* Tibki għall kull xejn, tnewwaħ. Jgħidulek "Dejjem tqerred donnok sa teqred lil xi ħadd"

*Tagħmel ħabar:* Tagħmel frattarija fuq xejn. "Għamilt ħabar tgħajjat; x'jista' nqalgħalek?" Igħidu wkoll "tagħmel plejtu" jiġifieri tagħmel storbju: plejtu hi *el pleito* ta' li Spanjoli.

*Tixmoq*: Tikseb bis-sewwa jew bid-dnewwa. "Dak tieħ jixmoq minn fuq missieru, xejn iżjed".

*Żmaċtu, Żmaċta:* ta' kafkaf; Isejħu żmaċtu lil dak il-bniedem li donnu qatt ma ra' nies: "Oħtok saret tassew żmaċta mindu marret toqgħod ir-raħal."

*Tirrieċpa:* tlablab; tgħid ħafna "Ilu jirrieċpa u jitħabat fuq sagħtejn".

*Baqra ġnizzla:* Tissejjaħ hekk dik il-baqra li kellha darba jew darbtejn.

*Laħam xkett:* bla għadam bħal ma tkun iċ-ċanga għax-xiwi.

*(Jissokta)*

ĠUSÈ AQUILINA